MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Numru. 1282/2011

Il-Pulizija
(Sp Keith Arnaud u Sp Kevin Pulis)
vs
Spiridione Tanti Costa, iben Paul, imwieled il-Belt, Valletta fit-2 ta’ Frar, 1965, Karta ta’ l-Identita numru 102365(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat:
1. talli fis-17 ta’ Novembru, 2011 għal ħabta tas-siegħa neqsin kwart ta’ wara nofs in-nhar (1245) minn ġewwa r-residenza bl-isem Crystal Blue, Triq l-Arcipriet E. Mifsud, Żurrieq kkometta serq ta’ oġġetti, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, liema valur tal-ħaġa misruqa jeċċedi €2,329.37 u bil-lok għad-dannu tal-familja D’Amato miż-Żurrieq u/jew persuna jew persuni oħra;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ

ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsarat jammontaw għal anqas minn €1,164.69 imma huma iżjed minn €116.47għad-dannu tal-familja D'Amato miż-Żurrieq u/jew persuni oħra;
3. talli fis-17 ta' Novembru, 2011, għal ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar, ġewwa r-ersidenza tiegħu numru 124, Dawret ix-Xatt, Xgħajra akkwista, kien fil-pussess ta', zamm, jew importa armi regolari liema akkwist, pussess, zamma jew importazzjoni huma pprojbiti;
4. talli kkometta reat ta' natura volontarja li għalih hemm kontemplat piena ta' priġunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni skont l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, imposta fuqu b'sentenza tat-13 ta' Novembru, 2011 mill-Qorti tal-maġistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.
Il-Qorti ġiet mitluba biex titratta ma l-imputat bħala reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, b'sentenzi li saru definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-12 ta' Jannar, 2012 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu lli tista' tinsab ħtij jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
1. fl-artikolu 261(b)(ċ)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278(3), 279(b) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali;
2. fl-artikolu 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;
3. fl-artikoli 3 u 51(1)(a)(b) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. fl-artikoli 21, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. fl-artikoli 17, 49, 50, 289 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Jannar, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(ċ)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278(3), 279(b), 280(2) u 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 3 u 51(1)(a)(b) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 21, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundanna lill-imputat għal piena ta' tlett snin priġunerija. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' €860.20 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------